# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 1226/99**

**Francis u Pauline konjugi Abela**

**Vs**

**Karl Bonello bhala direttur tas-socjeta' Kurrier Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

L-atturi ppresentaw citazzjoni fl-ismijiet premessi fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'liema ppremettew u talbu s-segwenti:

"Billi l-atturi kienu krew lill-konvenuti l-fond minghajr numru, maghruf bl-istess "San Mark Garage" li jinsab fi Triq Gdida fi Mriehel By Pass, Qormi bil-kera ta' tmient' elef lira Maltija (Lm8,000).

"Billi skond l-istess kirja gie pattwit illi: "is-sid jirrizerva d-dritt illi jerga jiehu l-pussess tal-fond u jittermina dan il-ftehim f'kaz illi l-kerrej jibqa' moruz fil-pagament tal-kera ghal perjodu ta' xahar mill-gurnata illi l-istess kera ikun dovut;

"Billi l-konvenuti ghandhom jaghtuh s-somma ta' disa' t'elef u hames mitt lira Maltija (Lm9,500) kera li ghalqet fl-1 ta' April 1999 u baqghu sal-lum morusi f'dan il-pagament;

"Billi dan il-hlas baqa' ma sarx nonstante diversi interpellazzjonijiet u b'hekk il-konvenuti ddekadew minn din il-kirja;

"Billi ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu:

"Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din il-Qorti:

(i) Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Art. 167 ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tikkundanna l-konvenuti jizgombraw mill-fond fuq imsemmi fi zmien qasir u perentorju u dan stante li huma ddekadew mill-istess kirja kif fuq inghad.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Novembru, 1999, l-ewwel Qorti ddecidiet billi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ddikjarat li ma kienx hemm risoluzzjoni ipso jure tal-kuntratt meta l-konvenut naqas li jhallas l-kera fit-terminu stabbilit u li konsegwentement kellha ssir talba ad hoc sabiex jigi dikjarat li l-kuntratt kien inhall minhabb l-inadempjenza tal-konvenut u ghalhekk tichad it-talbiet attrici, l-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

L-Atturi hassu ruhhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk interponew appell minnha ghal quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju segwenti:

L-ewwel nett l-appellanti bl-akbar rispett jattiraw l-attenzjoni li huma kienu ppresentaw nota ta' osservazzjonijiet u ghamlu rikors sabiex jigu permessi li jaghmlu dan billi kienet fuori termine pero sfortunatament donnu jidher mill-korp tas-sentenza li dina ma ngiebitx mir-registru ghall-konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti.  Dan qieghed jissemma mhux bhala aggravju imma sempliciment sabiex il-fatt jigi senjalat.

Dwar il-meritu l-pern tal-kwistjoni kollha huwa li l-ewwel Qorti ddecidiet li hawn ma kienx hemm kaz tal-patt kommissorju espress imma kaz fejn si tratta tal-patt kommissarju tacitu li kien jirrendi possibli lill-Qorti biex jaghti terminu lill-konvenuti biex jippurgaw il-mora.  Dik id-decizjoni, bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, ma hijiex korretta.  Il-kuntratt in kwistjoni espressament stipula li fil-kaz li l-inkwilin jibqa' morus fil-hlas tal-kera ghall-xahar shih, huma, is-sidien, jkollhom id-dritt li jirrexindu l-lokazzjoni u jirreprendu l-pussess tal-fond.  Ghalhekk huwa evidenti li gie espressament miftiehem ix-xoljiment favur is-sid fil-kaz ta' morozita ta' l-inkwilin; tali ftehim jimporta necessarjament patt kommissorju espress u jimplika li s-sidien kellhom dritt ghar-ripresa minghajr ma l-Qorti setghet taghtihom il-beneficcju tal-purgazzjoni ta' dik il-mora.  Ix-xoljiment tal-

kirja kienimplicitu fit-talba ghall-isgumbrament u ma kienx hemm ghalfejn jintalab xejn izjed minn dak li gie mnizzel fic-citazzjoni mill-atturi. Pero huwa importanti li wiehed josserva li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma kienitx wahda purament formali imma kienet fuq is-sustanza tal-patt innifsu billi ikkonkludiet li kien hemm il-possibilita' li hija tikkoncedi proroga ghall-hlas.

Ghaldaqstant l-atturi appellanti talbu li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi tal-15 ta' Novembru, 1999 u b'hekk tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' KARL BONELLO NOMINE**

4. Is.socjeta' appellata wiegbet hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata ghar-ragunijiet segwenti:

Illi fic-citazzjoni attrici, l-appellanti talbu l-izgumbrament tas-socjeta' appellata mill-fond mikri lilhom abbazi tal-allegata dekadenza mid-drittijiet naxxenti mill-istess kirja skond it-termini pattwiti fl-iskrittura privata ffirmata bejn il-kontendenti fis-27 ta' Ottubru 1993;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta' appellata eccepiet l-insostenibilita' ta' l-azzjoni attrici stante illi din ma inkorporatx fiha talba *ad hoc* ghat-terminazzjoni tal-kirja ezistenti bejn il-kontendenti;

Illi nonostante l-fatt illi kien jezisti qbil bejn il-kontendenti dwar il-morozita' tas-socjeta' appellata fil-hlas tal-kera skond il-kuntratt tal-lokazzjoni, kien hemm il-htiega illi ssir nota ta' l-osservazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-klawsola 10 ta' l-imsemmi kuntratt;

Illi kemm fl-atti tal-kawza intavolata quddiem il-Prim 'Istanza u kif ukoll fir-rikors odjern, l-appellanti isostnu illi "ix-xoljiment tal-kirja kien implicitu fit-talba ghall-izgumbrament u ma kienx hemm ghalfejn jintalab xejn izjed minn dak li gie mnizzel fic-citazzjoni";

Illi l-interpretazzjoni giet gustament milqugha mill-Qorti tal-Prim 'Istanza, tindika kjarament illi r-riserva espressa favur is-sid illi jittermina l-kuntratt, f'kaz illi l-inkwilin ikun moruz fil-hlas tal-kera, ma ggibx maghha r-rizoluzzjoni awtomatika tal-kirja, u ghalhekk kien jenhtieg talba *ad hoc* ghat-terminazzjoni tal-kirja qabel ma jintalab l-izgumbrament mis-sid;

Illi l-artikolu 1569 tal-Kodici Civili in ezami, jistipula illi "is-Sid jirrizerva d-dritt illi jerga' jiehu l-pussess tal-fond u jittermina dan il-ftehim f'kaz illi l-inkwilin jibqa' moruz fil-pagament tal-kera ghall-perjodu ta' xahar mill-

gurnata illi l-istess kera tkun dovuta."  Konsegwentement, is-sid huwa ntitolat, a bazi ta' l-istess artikolu, illi jezercita d-dritt reservat minnu permezz ta' azzjoni *ad hoc* quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi l-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili illi jirregolaw kif jinhall il-kiri, jikkontemplaw tlett sitwazzjonijiet diversi, bil-mod hawn spjegat;

Illi l-artikolu 1569(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla l-hall *ipso iure* tal-kirja f'kaz illi sehh xi kundizzjoni kontemplata fil-kirja.  Fil-fehma umli ta' l-esponent, dan is-subartikolu m'huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami, billi l-kuntratt ma jistipulax il-hall awtomatiku tal-kirja, izda jhalli l-ghazla f'idejn is-sid.  Fi kwalsiasi kaz, dan is-subartikolu jitkellem dwar kundizzjoni pattwita li ssehh, kontrarjament ghall-kaz in ezami fejn il-meritu huwa dwar nuqqas da parti ta' wiehed mill-partijiet ghall-kuntratt, u liema cirkostanza hija kontemplata fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu hawn citat.  Ghaldaqstant, wiehed ma jistax jghid illi l-kirja setghet tigi mahlula awtomatikament;

Illi lanqas izda ma huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu 1569 succitat, liema subartikolu jikkontempla l-hall awtomatiku, permezz ta' semplici att gudizzjaru da parti ta' dik il-parti kontraenti illi tkun sofriet in-nuqqas ta' xi obbligu mill-parti l-ohra.  Fil-kaz in ezami, ghalkemm jezisti prima facie in-nuqqas ta' wahda mill-partijiet,

il-klawsola 10 ma tippermettix dan il-hall awtomatiku, izda tirrizerva d-dritt lill-parti illi tittermina l-kuntratt, ezegwibbli biss permezz ta' azzjoni *ad hoc*;

Illi anke jekk ghas-sahha ta' l-argument l-imsemmi artikolu 1569(2) jitqies li japplika ghall-kaz in ezami, xorta wahda l-appellanti ma ezercitawx ir-remedju provdut fil-ligi illi jgharrfu lis-socjeta' esponenti, permezz ta' att gudizzjarju, illi huma kienu bi hsiebhom jinqdew bid-dritt rizervat favur taghhom illi jitterminaw il-ftehim. Ghalhekk, il-kirja ma tistax titqies terminata u kien jenhtieg ghalhekk talba ad hoc mill-appellanti fl-azzjoni odjerna;

Illi l-esponent finalment jaghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet ta' l-aritkolu 1570 tal-Kodici Civili illi huma, fl-opinjoni umli ta' l-esponent, applikabbli ghall-kaz odjern fejn l-appellanti, fl-artikolu 10 tal-kuntratt in ezami, irrizervaw id-dritt illi jitolbu l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ta' l-istess appellanti illi jhallsu l-kera jew li jitolbu l-hall tal-kiri, skond ix-xjelta' taghhom, u ghalhekk tenhtieg, f'kull kaz, il-pronunzjament tal-Qorti kompetenti fuq talba ad hoc ta' l-appellanti;

Illi l-appellat nomine umilment jissottometti illi ma jistax jintalab l-izgumbrament ta' inkwilin qabel ma tinhal jew b'xi mod iehor tigi

terminata l-kirja; liema tezi giet gustament milqugha mill-Qorti ta' Prim 'Istanza.

Illi, ghalhekk, is-sentenza appellata hija, minn kull angolu li thares lejha, gusta u korretta, filwaqt illi l-appell ta' l-atturi jimmerita illi jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Mill-atti tal-kawza u provi dedotti jirrizulta li l-atturi dahlu fi ftehim lokatizju mas-socjeta' konvenuta appellata, liema ftehim gie redatt u ffirmat skond kif jidher minn kopja tieghu li giet esebita (ara Dok A, fol 5 – 7 tal-process). Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta waqghet moruza fil-hlasijiet tal-kera dovut ghall-perijodu li jeccedi xahar. In vista ta' din il-morosita' fil-hlas tal-kera l-appellanti atturi agixxew kontra s-socjeta' konvenuta mill-ewwel ghal fini ta' zgrumbrament permezz ta' din il-kawza u dan, skond huma, a bazi tal-klawsola bin-numru ghaxra (10) ta' l-imsemmi ftehim. Din il-klawsola (ara fol 6) – tghid li gej,

> "10. Is-Sid jirrizerva d-dritt illi jerga' jiehu pussess tal-fond u jittermina dan il-ftehim f'kaz illi l-Kerrej jibqa' moruz fil-pagament tal-kera ghall-perijodu ta' xahar mill-gurnata illi l-istess kera tkun dovuta".

6. Skond id-decizjoni appellata, li cahdet it-talbiet attrici kif dedotti, in-nuqqas tal-konvenut nomine li jhallas il-kera fit-terminu stabbilit ma gabx ir-rizoluzzjoni immedjata tal-kuntratt izda dan in-nuqqas ta lill-atturi d-dritt li jagixxu ai termini ta' l-artikolu 1068 tal-Kodici Civili (Kap 16).

Testwalment l-ewwel Qorti ppuntwalizzat il-kwistjoni, wahda ta' indole legali, kif gej,

"Il-kwistjoni (ghalhekk) mhux tant jekk l-atturi kellhomx id-dritt jagixxu minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tal-konvenut, izda jekk il-kliem uzat fl-artikolu 10 tal-kuntratt jammontax ghall-kundizzjoni rizoluttiva <u>espressa</u>, kontemplata fl-artikolu 1067 tal-Kap 16, f'liema kaz ikun hemm ir-rizoluzzjoni <u>ipso jure</u> tal-kuntratt malli tavvera ruhha l-inadempjenza kuntrattwali, u f'dan l-event l-intervent tal-Qorti jkun limitat ghall-ordni ta' zgumbrament. L-alternattiva ghal din is-sitwazzjoni hija dik kontemplata fl-artikolu 1068 tal-Kap 16 gja' citat, li jaghti d-dritt ta' rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza kuntrattwali ta' l-obbligat bl-intervent tal-Qorti ghall-otteniment ta' tali dikjarazzjoni u f'liema kaz il-Qorti tkun tista' skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq mill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu".

7. Skond l-appellanti, tenut kont tal-morozita' fil-hlas tal-kera dovut da parti ta' l-inkwilin kif abbinat ma' dak li gie stipulat fi klawsola numru 10, huma ghandhom id-dritt li jirrexindu l-lokazzjoni u jirriprendu l-pussess

tal-fond. Tali ftehim jimporta necessarjament, skond l-appellanti, patt kommissorju espress u ghalhekk jimplika "li s-sidien kellhom dritt ghar-ripreza minghajr ma l-Qorti setghet tathom il-beneficcju tal-purgazzjoni ta' dik il-mora". Fi kliem iehor, u dejjem skond l-appellanti, ix-xoljiment tal-kirja kien implicitu fit-talba ghall-izgrumbrament u ma kienx hemm ghalfejn jintalab xejn izjed fic-citazzjoni.

8. Illi minn dak li gie sottomess quddiem din il-Qorti ghall-fini ta' dan l-appell jidher li r-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza tiddependi fuq l-import legali ta' dak li tnizzel bejn il-partijiet fl-imsemmija klawsola numru 10 tal-ftehim. Fil-fatt il-parti appellata qeghda tissottometti li l-artiklu tal-ligi applikabbli ghall-kaz kellu jkun l-art. 1570 tal-Kap. 16, u se mai, imma dejjem subordinatament, l-artiklu li jipprecedieh, igifieri l-art. 1569. Ghandu jinghad anke li l-ewwel Qorti, minbarra li cahdet it-talba ta' l-atturi kif dedotta, kompliet telabora wkoll li l-artiklu tal-ligi applikabbli kien l-artiklu 1068 tal-Kap 16.

9. Il-pern tal-kwestjoni huwa jekk dak li hemm imnizzel u miftiehem fil-kuntratt bejn il-kontendenti kienx effettivament jammonta ghal patt kommissarju espress (kif isostnu l-appellanti) jew kienx patt kommissarju tacitu. Id-differenza bejn dawn it-tnejn m'hijiex biss fil-forma imma tista' taffettwa anke l-konsegwenzi legali li jiskaturixxu fejn tirrizulta vjolazzjoni jew inadempjenza kontrattwali. Fil-kaz ta'

kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn invece il-kundizzjoni rizoluttiva m'hijiex espressa imma wahda tacita f'dan il-kaz il-kuntratt ma jinhallx ipso jure. Oltre dan imbaghad hemm ukoll disposizzjonijiet ohrajn fil-Kap 16. – ara artikolu 1569 u 1570 – li jirreferu proprju ghall-modi kif kuntratt ta' kiri jista' jinhall. Fil-fatt, skond l-atturi appellanti l-klawsola 10 surreferita tinkwadra ruhha taht l-artiklu 1067 tal-Kap. 16, filwaqt li l-appellati jindikaw l-artiklu 1570 bhala dak applikabbli, u bl-ewwel Qorti tiddeciedi li dak applikabbli kellu jkun la wiehed u lanqas l-iehor imma l-artiklu 1068 tal-Kap. 16.

10. Tenut kont tas-suespost jidher evidenti li r-rizoluzzjoni tal-vertenza toffri spunti ta' diffikulta' proprju minhabba l-fatt li d-dicitura adoperata fl-imsemmija klaswola numru 10 tieqaf milli tesprimi bic-car x'kienet ezattament l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti. Fi kliem iehor jista' tabilhaqq jinghad li din il-klawsola kienet tammonta ghall-kondizzjoni rizoluttiva espressa fejn il-hall tal-kuntratt huwa ipso jure? Fl-opera estensiva tieghu (Principi i di Diritto Civile, Vol XXV, pp. 309 – 317), l-awtorevoli Laurent kiteb hafna dwar l-estinzjoni tal-kuntratt ta' lokazjoni. Dwar il-kondizzjoni rizoluttiva espressa (ibid para 363) inter alia jghid hekk,

> "Le parti contraenti possono aggiungere al contratto di lo cazione, come ad ogni contratto, una condizione risoluttiva espressa. D'ordinario la condizione risoluttiva e' stipulata per lo inadempimento degli obbligli contratti dal conduttore. E cio che si chiama il patto commissorio. Questo patto ha l'effetti di una condizione risoluttiva espressa? Vole a dire, il contratto e' risoluto ipso jure? ha giurisprudenza non ha in questa materia la precisione desiderabile "(sottolineai tal-Qorti).

11. Din l-ambivalenza tohrog kjarament minn diversi decizjonijiet esteri citati mill-awtur. Hemm posizjoni minnhom li tafferma li

> "E' detto in un affitto che in caso d'inadempimento delle condizioni, il locatore potra' domandare la risoluzione dell' affitto. Questo clausola, benche' scritta nell'atto, non forma una condizione espressa"

Din tikkuntrasta ma' ohra fejn gie ritenut li,

> "Se il contratto contiene una espressione che implichi che la risoluzione dipende dalla sola volonta' del locatore, allora non vi e' dubbio; le parti hanno inteso escludere l'intervento del giudice"

Pero' fit-tieni kaz, wiehed irid jimxi b'kawtela kbira ghaliex f'kull kaz id-dicitura adoperata trid tigi ezaminata sew ghax din proprju tiddetermina kollox. Di fatti, wara li Laurent jghid li din kienet decizjoni tal-1865 moghtija fil-Belgju jkompli hekk,

"La clausola diceva che il fitto dovrebb' essere pagato al piu' tardi tre mesi dopo lo spirar di ogni anno, sotto pena di decadenza, ed il colono obbligato ad andar via senza contraddire, se al locatore piace. Queste ultime parole non lasciavano verun dubbio; il colono doveva abbandonare, per cio' solo che il locatore volesse, senza contraddire, cioe' senza reclamare in giudizio".

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-import tal-kliem adoperat fil-klawsola 10 surreferita ma jwassalx biex jigi inkwadrat taht id-dispositiv u l-effetti tal-kondizzjoni risoluttiva espressa u f'dan il-kuntest ghalhekk din il-Qorti tikkondividi dak li rriteniet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

12. Stabbilit mela li hawn non si trattava ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa jew patt kommissarju espress b'effetti ipso jure, l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tesprimi ruhha oltre hlief billi tichad it-talba attrici kif formulata. Multo magis meta l-istess konvenuti appellati lanqas qeghdin jaqblu mal-Qorti dwar liema artiklu kellu japplika ghal dan il-kaz. Bil-mod kif l-ewwel Qorti kompliet telabora fis-sentenza appellata, jidher li

marret oltre dak li strettament giet adita biex tiddeciedi dwaru. Fil-fatt, konxji minn dan, l-appellanti gustament jirrimarkaw li r-rikors ta' appell taghhom (hekk ara l-paragrafu penultimu tieghu),

> "... li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma kenitx wahda purament formali imma kienet fuq is-sustanza tal-patt innifsu billi kkonkludiet li kien hemm il-possibilta' li hija tikkoncedi proroga ghall-hlas".

13. Illi apparti l-konsiderazzjonijiet hawn fuq moghtija, xorta wahda tibqa' d-diffikolta' li fi kwalunkwe kaz, il-mod kif giet ifformulata it-talba attrici hija difettuza ghaliex din titlob biss u mill-ewwel l-izgumbrament – haga li ma setghetx tintalab qabel ma ssir ukoll talba gudizzjali ghax-xoljiment tal-kirja. Il-gurisprudenza lokali in materja dwar dan il-punt tirrisali kwazi saz-zmenijiet li jirriferi ghalihom l-istess Laurent. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet "Comm. F. Grima –vs- F. Le Brun" tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-18 ta' Novembru 1870 gie ritenut,

> "Che sebbene secondo il detto art. 773 quando la condizione risolutiva e' espressa, il contratto, verificata la condizione, si scioglie ipso jure, a differenza del caso, in cui la condizione fosse sottointesa ed in cui la risoluzione non succede ipso jure, pure tra gli effetti dell' una e dell' altra condizione in sostanza non vi sarebbe altra differenza, che nel primo caso la Corte non puo'

accordare alcuna dilazione, nel mentre che nell' altro caso puo' accordare una moderata dilazione, <u>in modo che tanto nell' uno che nell' altro caso, come evidentemente dimostrano i termini dei menzionati articoli, e' necessario che la risoluzione sia giudizialmente domandata – e quindi dalla Corte dichiarata</u>.

Che in conseguenza sarebbe interamente inutile esaminare se la condizione, di cui si tratta, fosse espressa od altrimenti sottintesa".

14. Taht kull wiehed miz-zewg kapi mela, it-talba attrici kif dedotta ma treggix u billi lanqas jirrizulta li hawn si trattava ta' xoljiment ta' kirja <u>ipso jure</u> kwindi l-argument ta' l-appellanti li t-talba ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt lokatizju hija implicita fit-talba ghall-izgumbrament qed jigi wkoll respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-atturi appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

df